# STEJJER MAKABRA MILL-KONĠURA TAL-ISKJAVI TAL-1749 IRRAKKONTATI F'WIRJA ĠDIDA FIL-PALAZZ TAL-INKWIŻITUR

**Press Release l 20 September 2024**

Għadha kemm ġiet inawgurata wirja ġdida fil-Palazz tal-Inkwiżitur u fil-Mużew Nazzjonali tal-Etnografija fil-Birgu, bit-titlu 'Tradiment u vendetta: Il-konġura tal-iskjavi tal-1749 f'19-il tpinġija storika', li tfakkar il-275 anniversarju minn din ir-rewwixta storika li falliet. Il-wirja se tibqa' miftuħa sa Marzu 2025.

Il-wirja hija mibnija fuq sett ta' dsatax-il tpinġija kontemporanja nnumerati, restawrati reċentement minn Heritage Malta. It-tpinġijiet juru r-ripressjoni qawwija li seħħet wara l-falliment tal-plott famuż, u jinkludu xeni grafiċi u intensi li joffru ħarsa rari u bla wisq tlaqliq lejn ir-realtajiet brutali tal-passat. Id-diskrezzjoni tat-telespettatur hija rrakkomandata minħabba l-kontenut espliċitu. Rapporti miktuba dak iż-żmien, folji tal-priedki u letteratura aktar reċenti dwar is-suġġett jissupplimentaw il-wirja.

Aktar minn 58 folja tal-aħbarijiet skambjati bejn l-Inkwiżitur u Delegat Appostoliku Paolo Passionei u l-Vatikan bejn l-1748 u l-1751, sawru n-narrattiva tal-wirja. Kenneth Cassar, il-Kuratur Anzjan għall-Etnografija fi ħdan Heritage Malta, spjega kif "billi tibbaża fuq dawn il-korrispondenzi, studjati bir-reqqa mill-Professur William Zammit u ppubblikati minn Heritage Malta s-sena l-oħra fil-pubblikazzjoni premjata 'Slavery, Treason and Blood', u d-19-il tpinġija fil-kollezzjoni nazzjonali, il-wirja tidħol fil-fond fil-plott biex twassal storja dwar aspirazzjonijiet u tradiment, kemm fuq livell personali, kif ukoll fuq livell tal-istat, mitmuma mill-qawwa tal-Istat Ospitalier, 275 sena ilu."

Permezz ta' interpretazzjoni kkurata bir-reqqa u teknoloġija avvanzata, il-wirja tittrasporta lill-viżitaturi tagħha lejn Malta taħt l-Ordni, u tesplora temi ewlenin bħall-iskjavitù, il-poter, it-tradiment, il-piena kapitali u t-tortura, fl-isfond soċjo-politiku tar-relazzjonijiet Musulmani-Kattoliċi li ddominaw il-Mediterran għal sekli sħaħ. Programm dinamiku ta' attivitajiet jakkumpanja l-wirja. Pubblikazzjoni bil-kulur illustrata, li toffri ħarsa ġenerali diġestibbli u komprensiva tas-saga ta' 45 xahar, se tkun disponibbli wkoll għax-xiri.

Fl-inawgurazzjoni tal-wirja, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, is-Sur Noel Zammit, emfasizza l-impenn ta' Heritage Malta li toħloq esperjenzi mfassla apposta għax-xewqat u l-bżonnijiet tal-viżitaturi. Semma kif avvenimenti bħal din il-wirja huma l-frott tal-għaqda bejn it-tkabbir sostnut tal-aġenzija u l-istħarriġ u l-ġbir kontinwu tagħha tal-opinjoni tal-pubbliku.

Iċ-Chairman ta' Heritage Malta, is-Sur Mario Cutajar saħaq li "wirjiet li jiflu siltiet minn ġrajjietna jkunu dejjem popolari. Wara l-publikazzjoni maħruġa minn Heritage Malta, f'din il-wirja issa l-ġrajja qed titwassal b'mod mirqum b'għodda moderni li jressqu lill-viżitaturi lejn l-istorja, u b'hekk jgħinhuhom jifhmuha u japprezzaw iktar x'fissret għal żmienha u lil'hinn. In-nies

f'Heritage Malta jibqgħu jagħmlu ħilithom biex ġrajjietna jingħaddu bl-aħjar mod biex ikun hemm gharfien usa tal-binja tal-identita tagħna llum."

L-Onorevoli Ministru Bonnici ikkummenta li "din il-wirja tagħti ħarsa profonda lejn perjodu drammatiku u importanti fl-istorja ta' pajjiżna, u permezz tagħha qed inkomplu nsaħħu l-impenn tagħna biex nagħtu spinta lit-turiżmu kulturali. L-interess kbir li dejjem qed jiżdied għall-wirt storiku tagħna qed jidher fin-numri dejjem jiżdiedu ta' viżitaturi lejn is-siti ta' Heritage Malta. Din il-wirja hija prova oħra tal-ħidma li qed issir biex il-passat tagħna jingħata ħajja ġdida u jsir aċċessibbli għal kulħadd. Nirringrazzja lil dawk kollha involuti li wettqu din l-inizjattiva, partikolarment lill-ħaddiema ta' Heritage Malta."

Il-wirja se tibqa' għaddejja sal-31 ta' Marzu tal-2025. Id-dħul huwa parti mill-esperjenza tal-Palazz tal-Inkwiżitur u l-Mużew Nazzjonali tal-Etnografija. Persuni bi sfidi ta' mobbiltà jistgħu jsibu l-aċċess għas-sala tal-wirja diffiċli, minħabba l-limitazzjonijiet strutturali tal-binja storika. Aktar dettalji jistgħu jiġu aċċessati hawn: https://heritagemalta.mt/whats-on/betrayal-and-vengeance-the-slaves-conspiracy-of-1749-in-19-historical-drawings/.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta